



## **Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deliberazzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-kalendarju tal-perijodi ta' sessjonijiet parlamentari għall-2012 u għall-2013**

*Il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji ta' Ottubru 2012 u 2013, maqsuma fi tnejn mill-Parlament, ma jistgħux jiġu kklassifikati individwalment f'perijodi ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar*

It-Trattati jeħtieġu li l-Parlament Ewropew, li s-sede tiegħu hija stabbilita fi Strasbourg, jiltaqa' fi tnax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar fis-sena, inkluża s-sessjoni tal-baġit, mingħajr ma jkun speċifikat it-tul ta' dawn il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji. Tradizzjonalment, jinżammu żewġ perijodi ta' sessjonijiet plenarji fi Strasbourg matul ix-xahar ta' Ottubru sabiex jikkompensaw l-assenza ta' sessjoni plenarja f'Awwissu. Skont il-prassi parlamentari, il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji ordinarji, li jdumu erbat ijiem, jinżammu fi Strasbourg, filwaqt li l-perijodi ta' sessjonijiet addizzjonali jinżammu fi Brussell. (paragrafu 1 tal-Istqarrija għall-istampa Nru 110/12)

Wara żewġ emendi mressqa minn A. Fox, deputat Ewropew, permezz ta' żewġ deliberazzjonijiet adottati fid-9 ta' Marzu 2011, il-Parlament emenda l-kalendarju tal-perijodi ta' sessjonijiet għall-2012 u għall-2013. Minn naħa, għax-xahar ta' Ottubru 2012 u 2013, tneħħiet waħda miż-żewġ perijodi ta' sessjonijiet plenarji ta' erbat ijiem previsti fi Strasbourg għal kull wieħed minn dawn ix-xhur. Min-naħa l-oħra, il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji li kien jifdal għal Ottubru 2012 u għal Ottubru 2013 inqas fi tnejn: b'hekk, kienu previsti żewġ perijodi ta' sessjonijiet plenarji distinti, ta' jumejn kull wieħed, matul il-ġimgħa tat-22-25 ta' Ottubru 2012 u tnejn matul il-ġimgħa tal-21-24 ta' Ottubru 2013, li għandhom b'dan il-mod jinżammu fi Strasbourg. (paragrafu 2 tal-Istqarrija għall-istampa Nru 110/12)

Franza talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla dawn iż-żewġ deliberazzjonijiet tal-Parlament. Hija, sostnuta mil-Lussemburgu, issostni li dawn jiksru t-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hija speċifikament tikkontesta lill-Parlament li kisret ir-ritmu regolari ta' perijodi ta' sessjonijiet plenarji billi ffissat perijodi ta' sessjonijiet addizzjonali fi Brussell, meta fi Strasbourg kienu previsti biss fdax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji. (Stqarrija għall-istampa Nru 110/12, paragrafu 3)

Fis-sentenza tagħha mogħtija llum, **il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deliberazzjonijiet tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2011.**

Hija tirreferi għall-ġurisprudenza tagħha mogħtija fl-interpretazzjoni tad-deċiżjoni ta' Edinburgh,<sup>1</sup> billi din id-deċiżjoni ġiet inkluża fil-protokoll fuq is-sedi tal-istituzzjonijiet mingħajr bdil. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-1997,<sup>2</sup> il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jiffissaw is-sede tal-Parlament fi Strasbourg u dik tal-Parlament f'dak li jikkonċerna l-organizzazzjoni interna tiegħu. (36, 38) Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Istati Membri kien biħsiebhom jistabbilixxu li s-sede tal-Parlament, iffissat fi Strasbourg, jikkostitwixxi l-post fejn

<sup>1</sup> Fl-1992, matul il-laqgħa għolja ta' Edinburgh, il-Gvernijiet tal-Istati Membri adottaw id-"deċiżjoni ta' Edinburgh" fuq l-iffissar tas-sedi tal-istituzzjonijiet u ta' ċerti organi, korpi u dipartimenti tal-Komunitajiet Ewropej. Fl-okkażjoni tal-konferenza intergovernattiva li wasslet għall-adozzjoni tat-Trattat ta' Amsterdam, għe deċiż li tiġi annessa mat-Trattati d-deċiżjoni ta' Edinburgh. Bħalissa, dawn huma l-Protokoll Nru 6 annessi mat-TUE u mat-TFUE kif ukoll il-Protokoll Nru 3 anness mal-KEEA, li jirriproduċu t-test tad-deċiżjoni ta' Edinburgh (l-Artikolu 1(a)).

<sup>2</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-1 ta' Ottubru 1997, Franza vs Il Parlament (Kawża C-345/95). Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deliberazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-20 ta' Settembru 1995, minħabba li din ma tiffissax tnax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji ordinarji fi Strasbourg għall-1996.

għandhom jinżammu, b'ritmu regolari, tnax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji ordinarji, inklużi dawk li fihom il-Parlament jeżerċita l-poteri tiegħu ta' baġit lilu mogħtija mit-Trattat. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-perijodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali jistgħu jiġu ffixxati f'post ieħor tax-xogħol biss jekk il-Parlament iżomm it-tnax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji ordinarji fi Strasbourg. Billi ddefinixxu s-sede tal-Parlament fi Strasbourg, l-Istati Membri ma affettwawx is-setgħa ta' organizzazzjoni interna tiegħu. (40, 41)

Huwa stabbilit li l-Parlament, permezz tad-deliberazzjonijiet tiegħu ta' Marzu 2011, telaq mill-proposti tal-konferenza tal-presidenti għal dak li jikkonċerna l-perijodi ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar previsti għax-xhur ta' Ottubru 2012 u 2013. (44) Jirriżulta minn dawn id-deliberazzjonijiet li l-perijodi tas-sessjonijiet plenarji ta' kull xahar, ta' erbat ijiem kull wieħed, previsti għax-xahar ta' Ottubru 2012 u 2013, ġew issostitwiti minn żewġ perijodi ta' sessjonijiet plenarji, li jdumu jumejn kull wieħed. **Għandu jiġi kkonstatat li l-perijodi ta' sessjonijiet kif previsti minn dawn id-deliberazzjonijiet għal Ottubru 2012 u Ottubru 2013 ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ffixxati mit-Trattati fuq is-sedi tal-istituzzjonijiet.** (48)

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li fid-dawl tal-orijini tad-deliberazzjonijiet ikkontestati, il-formulazzjoni tal-emendi għall-orijini ta' dawn id-deliberazzjonijiet, kif ukoll il-prassi tal-Parlament hekk kif tirriżulta mill-aġenda tas-sessjonijiet plenarji tax-xahar ta' Ottubru 2012, id-deliberazzjonijiet ikkontestati oġġettivament iwasslu għal tnaqqis sinjifikattiv tal-ħin li l-Parlament jista' jiddedika għad-dibattiti u għad-deliberazzjonijiet tiegħu għax-xhur ta' Ottubru 2012 u 2013. Fil-fatt, meta mqabbla mal-perijodi ta' sessjonijiet plenarji ordinarji, il-ħin effettivament disponibbli għall-perijodi ta' sessjonijiet matul dawn ix-xhur huwa mnaqqas iktar minn nofs. (49 *et seq.*, 56)

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li tnax-il perijodu ta' sessjonijiet plenarji ordinarji għandhom effettivament jinżammu, b'ritmu regolari, fi Strasbourg sabiex perijodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali jkun jistgħu jiġu ffixxati. (57) Sabiex perijodu ta' sessjonijiet plenarji jkun jista' jaqa' fil-kategorija ta' "perijodi ta' sessjonijiet plenarji ordinarji", dan għandu jkun ekwivalenti għall-perijodi l-oħra ta' sessjonijiet ta' kull xahar ordinarji ffixxati konformement mat-Trattati, b'mod partikolari f'termini ta' tul tal-istess sessjonijiet. (58) Hija tikkonstata li l-perijodi ta' sessjonijiet tax-xhur ta' Ottubru 2012 u 2013 iffixxati mid-deliberazzjonijiet ikkontestati, fid-dawl tat-tul tagħhom, ma humiex ekwivalenti għall-perijodi l-oħra ta' sessjonijiet ta' kull xahar ordinarji ffixxati mill-istess deliberazzjonijiet. (59)

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-Parlament ma ressaqx raġunijiet, ibbażati fuq l-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu ta' organizzazzjoni interna, li jippermettu li jiġġustifikaw, u dan minkejja ż-żieda kontinwa tal-kompetenzi tiegħu, it-tnaqqis sinjifikattiv tat-tul taż-żewġ perijodi ta' sessjonijiet plenarji tax-xahar ta' Ottubru għas-snin 2012 u 2013. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari tqis li l-kunsiderazzjoni li s-sessjoni tal-baġit issa tista', fil-prattika, tintemm fi żmien qasir, ma tistax, minħabba l-importanza tas-sessjoni tal-baġit, tiġġustifika t-tnaqqis tat-tul ta' perijodu ta' sessjonijiet plenarji. Hija enfasizzat li l-eżerċizzju mill-Parlament tal-awtorità tiegħu ta' baġit f'sessjoni plenarja jikkostitwixxi mument fundamentali fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea u għalhekk dan għandu jsir b'attenzjoni, b'rigorożità u b'kull impenn meħtieġ minn tali responsabbiltà. L-eżerċizzju ta' din il-kompetenza teħtieġ b'mod partikolari dibattitu pubbliku, f'seduta plenarja, li tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jsiru jafu dwar il-politika differenti espressa u, b'hekk, jiffurmaw opinjoni politika dwar l-azzjoni tal-Unjoni. (61, 65, 68)

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, anki jekk l-inkonvenjenzi u l-ispejjeż assoċjati mal-pluralità tal-postijiet tax-xogħol kif deskritti mill-Parlament huma ammessi bħala reali, la l-Parlament u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħu jirrimedjawhom, iżda, fejn xieraq, huwa għall-Istati Membri li jagħmlu dan fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħhom li jiffissaw is-sede tal-istituzzjonijiet. (70)

**Għalhekk, id-deliberazzjonijiet tad-9 ta' Marzu 2011 għandhom jiġu annullati billi dawn ma jiffissawx tnax-il perijodu ta' sessjonijiet ta' kull xahar fi Strasbourg għas-snin 2012 u 2013.** (punt 71)

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq ["Europe by Satellite"](#). ☎ (+32) 2 2964106*